

It-Tmienja u Għoxrin Ħadd tas-Sena

# Aħbar Tajba

2 Slat 5, 14-17
Salm 97 (98), 1.2-3ab.3ċd-4
2 Tim 2, 8-13
Lq 17, 11-19

Imbagħad qallu:
**"Qum, mur; il-fidi tiegħek salvatek."**

'Grazzi.' Kelma qasira imma li tfisser ħafna. Anzi, mhux biss tfisser ħafna imma tiswa ferm aktar mill-isbaħ poeżija tal-aqwa poeta li qat rat id-dinja! Imma din il-kelma, kemm 'il darba nsibu ruħna ntennuha? Aħna persuni li sikwit toħroġ minn fommna, jew inkella eħfef li ġemel jgħaddi minn għajn ta' labra?

Il-ġrajja tal-lum minn jaf kemm-il darba smajnieha. Ġesù kien fi triqtu lejn Ġerusalemm meta jiltaqa' ma għaxar rġiel morda bil-lebbra. Issa din il-marda dak iż-żmien ma kinitx tfisser biss li se tmut imma wkoll li dan se jkollok tagħmlu waħdek jew ma' nies oħra li ma tafhomx imma morda bħalek. Ma stajtx tibqa' mal-familja tiegħek jew ma' dawk li l-aktar tħobb għax kien hemm il-periklu li l-marda tittieħed. Imma kif jidħol fix-xena Ġesù, l-istorja għal dawn l-għaxra tinbidel, għax issa setgħu jmorru lura d-dar mal-familji tagħhom. Dlonk jitilqu lura biex juru ruħhom lill-awtoritajiet biex jibda dan il-kapitlu ġdid f'ħajjithom. Imma wieħed minnhom kif jara li kien fieq jiddieċiedi li kien hemm ħaġa ferm aktar importanti milli juri ruħu lill-awtoritajiet tiegħu. Ħaġa waħda... li jmur lura għand dak li bidillu ħajtu biex jirringrazzjah.

Is-sabiħa hija li minn dawk l-għaxra li Ġesù fejjaq, dak li mar lura jirringrazzjah kien l-unika wieħed li ma kienx Lhudi bħalu. Kellu jkun Samaritan li jmur lura juri l-apprezzament tiegħu. Issa f'dan iż-żmien, is-Samaritani u l-Lhud ma kienu jinħabbu xejn imma din il-firda ma kellha l-ebda effett fuq is-Samaritan tagħna. Ġesù kien reġa' tah lura ħajtu u xejn ma kien se jifirdu minnu.

Naħseb li l-ġrajja tal-lum għanda messaġġ ċar ħafna xi twasslilna. Aħna lil min nixbhu? Aħna bħal dak il-wieħed li mar lura jgħid grazzi jew bħad-disgħa l-oħra li kif ħadu dak li riedu nesew x'kien għamel magħhom Ġesù?

Aħna kif inġibu ruħna mal-ġenituri tagħna li min jaf kemm jagħmlu sagrifiċċji għalina? Qatt nirringrazzjawhom ta' dak li jagħmlu magħna? Kemm nirrispettaw lill-għalliema u l-katekisti li ta' kuljum jagħmlu l-almu tagħhom biex jgħallmuna? Kemm nirringrazzjaw lil dawk li meta konna fil-bżonn dejjem sibnihom? Jew inkella immorru nfittxuhom meta għandna bżonn xi ħaġa u kif nieħdu dak li rridu ninsewhom? Ejjew mil-lum 'il quddiem ma' ninsew qatt lil dawn in-nies u ntennu din il-kelma tant sabiħa – 'Grazzi!'

## Sib il-Kelma

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.

ĠERUSALEMM, SAMARIJA, GALILIJA, MORDA, LEBBRA, ĦNIENA, QASSISIN, ĦAJR, FIDI, SALVATEK

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | R | A | N | B | G | IE | Ġ | L | M |
| Ħ | A | J | R | V | A | S | E | S | S |
| Ħ | N | IE | N | A | L | W | R | A | Q |
| A | D | N | Ċ | M | I | T | U | L | A |
| R | M | A | GĦ | O | L | E | S | V | S |
| S | A | M | A | R | I | J | A | A | S |
| I | R | M | A | D | J | O | L | T | I |
| M | T | D | S | A | A | U | E | E | S |
| L | E | B | B | R | A | O | M | K | I |
| A | K | R | F | I | D | I | M | A | N |



Aghti l-kulur





## NITOLBU MAL-QADDISIN

Fost it-tifkiriet li se niċċelebraw matul din il-ġimgħa insibu lil Santa Tereża ta' Avila, soru karmelitana li l-kitbiet tagħha għadhom jispiraw ħafna u ħafna nies. F'ħajjitha ħadment biex l-ordni tagħha jibqa' jkun ta' ispirazzjoni għad-dinja kollha. Fost il-kitbiet tagħha nsibu din it-talba ċkejkna imma tassew sabiħa.

Kristu ma baqalux ġisem
imma għandu tiegħek.
M'għandux idejn
jew saqajn fuq l-art
ħlief tiegħek.
Tiegħek huma l-għajnejn
li juża biex iġib
il-ħniena fid-dinja.
Tiegħek huma r-riġlejn
li juża biex iġib it-tajjeb.
Tiegħek huma l-idejn
li bihom ibierek id-dinja kollha.





**Promozzjoni**

# Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**




AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION